

Brussell, 4 ta' Lulju 2025
(OR. en)

9899/25

UEM 241
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tad-Deutsche Bundesbank

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE
dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali,
fir-rigward tal-awdituri esterni tad-Deutsche Bundesbank**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Ġunju 2025 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tad-Deutsche Bundesbank (BĊE/2025/19)¹,

¹ ĠU C, C/2025/3327, 12.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3327/oj>.

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tad-Deutsche Bundesbank, Baker Tilly GmbH & Co. KG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft, ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2026. Għalhekk, jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni għas-sena finanzjarja 2027.
- (3) Deutsche Bundesbank biħsiebu jestendi l-mandat ta' Baker Tilly GmbH & Co. KG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft għas-sena finanzjarja 2027. Tali estensjoni hija possibbli skont l-arranġamenti kuntrattwali bejn Deutsche Bundesbank u Baker Tilly GmbH & Co. KG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Baker Tilly GmbH & Co. KG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft jinħatru bħala l-awdituri esterni tad-Deutsche Bundesbank għas-sena finanzjarja 2027.

- (5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE² tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/1999/70\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/1999/70(1)/oj)).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Baker Tilly GmbH & Co. KG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tad-Deutsche Bundesbank għas-snin finanzjarji 2021 sa 2027."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
